MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 23/K7/2014 |
| Data: | It-Tlieta 28 ta' Ottubru 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| Kunsilliera | Sna Romina Galea |
| | Sur Alan Abela Wadge |
| | Sur Lino Bartolo |
| | Sur Charles Selvaggi |
| | Sur Maurice Agius |
| | Is-Sur Matthew Agius |
| | Is-Sur Matthew Mangion |

Segretarju Eżekuttiv: Sna Marita Portelli

| | |
|---|---|
| Skużat | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Is-Sur Emanuel Brincat |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 22/K7/2014**
2. **Materji mill-Minuti**
3. **Korrispondenza**
4. **Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet**
5. **Kumitat Amministrattiv tas-Swatar**
6. **Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**
7. **Proġett tat-TM fl-Imsida**
8. **Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku**
9. **Affarijiet oħra jekk urġenti**
10. **Aġġornament**

**Seduta Numru 23/14**

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 22/K7/2014**

**1109 Il-Minuti gew approvati mingħajr korrezzjonijiet.**

**2 Materji mill-Minuti**

**1110 Materja 1054 – Is-Sur Selvaggi qal li irċieva ilment li qed jintefa xi skart fil-parkeġġi l-ġodda biex ma jipparkjawx karozzi. Saqsa ukoll jekk sarx xi tibdil fihom il-parkeġġI u s-Segretarju kkonfermat li le. Hi qalet le meta għaddiet hi minn Triq Sant Andrija kien hemm żewġ karozzi pparkjati kif suppost.**

**1111 Materja 1056 – Il-Kunsill ġie informat li l-applikazzjoni tal-Proġett ta' Censu Farrugia qiegħed quddiem il-Kumitat tat-TORB tal-KNPD u li għandu jinstema l-każ fis-7 ta' Novembru. Is-Sur Maurice Agius qal li hemm bankini fil-proġett il-ġdid li mhumiex wiesgħa bizżżejjed biex jgħaddi 'wheelchair' (f'Xatt l-Imsida ħdejn il-ħwienet ta' Johnson).**

**1112 Materja 1057 – Is-Sur Selvaggi qal li l-parti tal-bankina quddiem l-għassa hija kbira wisq u l-buses iridu joħorġu l-barra imbagħad jerġgħu jidħlu l-ġewwa biex jkomplu fil-Bus Lane.**

**1113 Materja 1059 – Ġie kkonfermat li l-ittra ta' ringrazzjament lill-membri tal-Kumitat ta' Mertu Msida intbagħtu.**

**1114** **Materja 1061 – Intqal li l-Kunsill ma' rċieviex informazzjoni oħra mis-sidien ta' dan is-sit. Is-Segretarju kienet bagħtet lis-sezzjoni ta' l-infurzar tal-MEPA pero' ma ngħatatx tweġiba. Ser terġa tibgħat 'reminder'.**

**1115** **Materja 1062 – Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq din il-materja u s-Sur Bartolo qal li tkellem mal-Monitoring Unit u li hemm bżonn il-permess mill-MEPA biex jitneħħew is-siġar li hemm fil-ġnien biex jitħawlu ħdejn il-ġibjun.**

**1116** **Materja 1063 – L-ittra lir-residenti ta' l-inħawi ta' l-Imsida Circus intbagħtet. Is-Sur Lino Bartolo qal li ż-żona jkollha bżonn ta' 'upgrade' meta jitlestew ix-xogħolijiet.**

**1117** **Materja 1065 – Intqal li għadu irid isir l-appuntament għall-laqgħa. Is-Sur Bartolo qal li min ikun preżenti għal din il-laqgħa għandu jfakkar lill-AVIS fuq l-pjanti/siġar li jridu jiġu mħawla fil-ġnien, u minħabba l-ipparkjar tat-'trailer'. Intqal li l-pots saru u l-ġnien tnaddaf.**

**1118** **Materja 1067 – Intqal li l-laqgħa mal-Masquerade għadha trid issir.**

**1119** **Materja 1068 – Is-Sur Mangion iddiskuta din il-materja fejn qal li jidher li qed ikun hemm 'flow' aħjar ta' traffiku fiż-żona pero' dan qed jinġema ħdejn l-HSBC. Intqal li għandu jieħu l-inizjattiva l-KAS biex din il-problema tiġi solvuta b'mod ħolistiku. Is-Sur Mangion qal li fis-Swatar hemm bżonn Traffic Management aħjar u ser jibdew isiru diskussjonijiet mat-TM.**

**1120** **Materja 1071 u 1073 – Intqal li dawn iż-żewġ materji huma f'idejn il-Kumitat tas-Sajd minħabba li l-għajnuna li kien hem bżonn mill-Kunsill diġa ngħatat.**

**1121** **Materja 1074 – Is-Segretarju qed tistenna l-amenda biex tibgħatha għall-approvazzjoni tat-TM. Sar qbil li din għandha tintbagħat lill-Kunsilliera kollha.**

**1122** **Materja 1076 – Intqal li ser jintalbu l-kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol ta' rampa fuq il-bankina ta' ħdejn il-MUSEUM.**

**1123** **Materja 1077 – Intqal li l-appuntament biex issir il-laqgħa ma' l-Għaqda tan-Nar ser issir meta terġa tiġi lura mis-safar is-Sindku.**

**1124** **Materja 1078 – Is-Segretarju qalet li hi kitbet lil Godfrey Camilleri (li talab kumpens meta, allegatament, l-iskip laqtet il-vettura tiegħu) kif miftiehem waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill pero' ma ngħatatx risposta.**

1125 Materja 1080 - Is-Sur Charles Selvaggi spjega li fi Triq J Borg, fil-kantuniera ma Triq Misraħ il-Barrieri hemm bżonn li ssiru double yellow lines biex il-karozzi ma jipparkjawx minħabba l-periklu li qed jinħoloq meta jkun hem karozzi pparkjati.

1126 Materja 1084 – Il-Kunsilliera ġew informati li l-Kuntratt fuq il-Ġnien sar u li qed jikkordinaw ix-xogħol it-Trends u l-ELC.

1127 Materja 1086 – Is-Sur Maurice Agius informa lill-Kunsill li ma setgħax jattendi l-laqgħa.

1128 Materja 1087 – Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li meta nformat lis-sid ta' l-istabiliment huwa m'aċċettax il-proposta tal-Kunsill. Is-Sur Selvaggi qal li f'każ ta' Alighting Bays, sa fejn jaf hu m'hemmx għalfejn tkun quddiem l-istabilliment eżatt. Intqal ukoll li għandu jiġi assigurat li l-istabiliment qed jintuża bħala hostel, u jekk hemmx fil-fatt 'reception' b'persuna preżenti 16 il-siegħa. Sar qbil li ssir aktar riċerka ma' l-MTA u TM fuq dan il-każ. Is-Sur Bartolo qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-sid minħabba l-iskart li qed jinħareġ mill-blokka wara li jgħaddi t-trakk tal-ġbir.

1129 Materja 1088 – Il-Kunsill ġie nformat li l-imejls li jidħlu mill-MEPA qed jintbagħtu lil Kunsilliera kollha.

1130 Materja 1092 – Is-Segretarju qalet li ser tibgħat l-minuti tal-laqgħa mas-Supretendent Mamo.

1131 Materji 1091 u 1093 – Is-Sur Maurice Agius qal lill-Kunsill li ta' kull dome l-Greenpak ser jagħtu lill-Kunsill l-ammont ta' 40 ewro. Intqal li l-'leaflets' ġew approvati u li l-kampanja edukattiva ser tibda f'Novembru bis-sistema tal-ġbir ġdida tibda mill-5 ta' Diċembru. Is-Sur Matthew Agius saqsa x'se jiġri jekk ikun hem min jibqa joħroġ ir-recycling nhar ta' Ġimgħa. Issuġerixxa li jkun hemm perjodu li jibqa jinġabar ir-riċiklaġġ xorta. Is-Sur Matthew Agius qal ukoll li l-Kunsill għandu jkompli jaħdem biex jikseb fondi li ser jgħinu biex tkompli ssir ġabra tar-riċiklaġġ nhar ta' Ġimgħa ukoll. Il-Viċi Sindku qal li bis-sistema l-ġdida xorta min qed jirriċikla jista jagħmel dan billi joħroġ il-borża l-griża kull nhar ta' Tlieta. Intqal ukoll li l-Bring In Sites ser jibdew jitbatlu kull ġimgħa. Il-Kunsilliera talbu l-istatistika ta' kemm qed isir riċiklaġġ wara sitt (6) xhur li tkun bdiet titħaddem is-sistema l-ġdida. Intqal li fi Triq Victor Denaro ser jsiru 6 Skips tar-riċiklaġġ minnflok id-Domes. Intqal li kemm ilhom li tneħħew d-'Domes' ta' ħdejn il-ġibjun l-akwata qed tkun ħafna iżjed nadifa. Is-Segretarju spjegat kif hi qeda f'diskussjonijiet mal-KSU u l-GUG biex issir attivita' biex toħloq aktar awareness fuq ir-riċiklaġġ ma' l-

**istudenti u anke biex issir promozzjoni tas-sistema l-ġdida ta' ġbir fl-Imsida.**

**1132 Materja 1097 – Fir-rigward ta' Fondi Speċjali ntqal li għandha tintalab laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill kien diġa bbenifka minn dawn it-tip ta' fondi fil-passat u qal li fil-laqgħat li saru għall-Kunsilliera l-finanzi tal-Kunsilli ma ġewx diskussi. Il-Viċi Sindku kkonferma li idejat għal-formula ta' allokazzjoni ta' fondi ġdida ġiet diskussi waqt il-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki. Qal li ġew informati li kellhom jagħtu risposta fuq dak li ġie diskuss imam għadhom jistennew risposta. Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jkompli jfarkkar lid-Dipartiment l-isfidi li tiffaċċja l-lokalita' ta' L-Imsida. Qal li jixtieq li nirċievu risposta fuq il-'workshops' li qed isiru.**

**1133 Materja 1100 – Il-Viċi Sindku tkellem mal-Kunsill dwar il-każ ta' Libell li kien beda l-Kunsill fuq persuna li kiteb kummenti fuq dwar xi kummissjonijiet li qed jittieħdu minn 'min imexxi' fir-rigward tan-nuqqas ta' CCTV cameras li ma sarux ħdejn il-ġibjun. Informal lill-membri tal-Kunsill li s-Sindku tkellmet mal-persuna u li rtira dak li qal u ma jidirx li hemm bżonn il-Kunsill ikompli bil-proċeduri legali. Is-Sur Maurice Agius qal li l-kumment kien jikkonċerna lill-Kunsill kollha, u anke lilu minħabba li hu jieħu ħsieb l-indafa, u mhux biss lis-Sindku. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet biex ma jitkomplux il-proċeduri.**

**1134 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq ir-rampa u intqal li t-Tender tax-xogħolijiet ta' 'Patching' u Bankini daqt joħroġ allura mis-sena d-dieħla x-xogħolijiet li hem pendenti jistgħu jibdew isiru. Is-Sur Bartolo qal li mportanti li r-rampi jsiru 'pegged' kif qed isiru l-ġodda mit-TM. Reġgħet inġibdet l-attenzjoni li r-rampa ta' Triq il-Makna tas-Serrar hemm bżonn titneħħa U-Bar.**

**1135 Il-laqgħa ġiet sospiża (18:41)**

**1136 Kompliet il-laqgħa (18:47)**

**3 Korrespondenza**

**1137 41/1320 – Il-Kunsill ra r-rapport ta' Joe Demarco fir-rigward tas-suġġeriment tiegħu li l-parti ta' Triq Santa Venera li qegħeda two-way issir 'one-way' l-isfel. Intqal li hekk kienet imma kienet tneħħiet it-tabella. Il-Viċi Sindku qal li l-Kumitat tat-traffiku fi ħdan il-Kunsill għandu jiċċekja. Is-Sur Maurice Agius qal li kienet qed tintuża li**

**wieħed jitla l-fuq minħabba l-maltemp. Intqal li Triq il-Ħarrub hija 'one-way'. Il-Viċi Sindku qal li jista jiġi kkonsidrat xi tip ta' Storm Water Alarm (forsi 'screen') biex jiġl indikat meta n-nies jingħataw l-aċċess biex jitilgħu l-fuq.**

**1138 41/1319 – Il-Kunsill irċieva ilment li fil-'peak hours' tat-traffiku qed jingħalaq l-aċċess li wieħed idur għal ħdejn il-Monument. Il-Pulizija jidher li ħadu din id-deċizjoni għall-kemm l-inkonvenjent huwa kbir jidher li jkun hemm 'flow' aħjar. Is-Sur Matthew Agius qal li kienet qed tingħalaq anke fil-Weekend pero' intqal li ila ma tingħalaq din il-parti tat-triq.**

**1139 41/1298 – Il-Kunsilliera ġew informati bl-attivita' b'risq il-Community Chest Fund organizzata mill-Pulizjia. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa jaqgħdu tim biex jieħdu sehem ma' Kunsilli oħra. Ser ikun hemm ukoll timijiet ta' tfal mill-lokalitajjiet tal-Imsida, Gżira, Ta' Xbiex u Sliema.**

**1140 41/1292 – Il-Kunsill ġie informat li ingħata fondi għal-parti mill-ispiża tal-korsijiet tal-Lifelong Learning. Is-Sur Matthew Agius saqsa jekk dawn il-korsijiet ikollhomx xi 'accreditation' u ġie nformat li qabel tapplika persuna ikun hem l-informazzjoni kollha fuq il-websajt. Is-Sur Matthew Agius qal li l-Kunsill għandu jiffoka li joffri korsijiet li jkunu 'accredited'.**

**1141 41/1288 – Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni li ssir applikazzjoni għal-Loading/Unloading Bay fi Triq il-Wied ta' L-Imsida ħdejn l-istabiliment JGB Autoparts. Is-Segretarju ser tikteb lil TM biex din issir.**

**1142 41/1286 – Resident ilmenta dwar linji li nżebgħu isfar avolja stabiliment m'għadux jintuża bħala garaxx imma bħala ħanut. Għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Joseph Demarco biex jaraw jekk hemmx bżonn xi tibdil fil-linji qabel ma ssir iż-żebgħa.**

**1143 41/1289 – F'din il-korrespondenza s-Sur Selvaggi talab li ssir laqgħa mar-rapreżentanti tat-TM. Sar qbil li din il-laqgħa ssir kemm jista jkun malajr u jkun hemm preżenza tal-Kunsilliera kollha.**

**1144 41/1266 - L-Ilment fuq Triq Mons Arturo Bonnici għandha tgħaddi għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.**

**1145 41/1261 – Ġie deċiż li l-Kunsill jindaga dwar jekk dan l-ikel tal-ħammiem hux legali u vijabli għall-lokalita' ta' L-Imsida. Is-Sur Maurice Agius qal li l-persuna li qed titma l-ħammiem f'Rue D'Argens issemmiet fuq ir-radju. Is-Sur Bartolo qal li wara l-Kunsill kien**

**irraporta lil Pulizijia ġiet il-Kunsill tgerger. Is-Sna Galea qalet li anke fi Triq il-Kunċizzjoni hemm xi ħadd jitma l-ħammiem u sar qbil li ninfurmaw il-Pulizija. Il-Viċi Sindku qal li hem bżonn isir elenku tar-rapporti kollha li ntbagħtu lill-Pulizija.**

**1146** **Is-Sur Alan Abela Wadge daħal fil-laqgħa (19:13)**

**1147** **41/1258 – Il-Kunsill ġie informat li l-MUSEUM bagħtu ittra ta' ringrazzjament għal ftit miżuri preliminari ta' sigurta' li saru fiż-żona.**

**1148** **41/1231 – Il-Kunsill irċieva ilment dwar Triq C De Brokdorf u sar qbil li l-kuntrattur jitqabbad inaddaf iż-żona u li jsiru s-sinjali tan-No Parking biex ikun jista jsir dan. Il-Kunsill tkellem fuq il-bżonn li dik l-art tiġi esproprijata biex issir parti mit-Triq.**

**1149** **41/1268 – Is-Sur Pisani kiteb jitlob li l-Bus Stop terġa tiċċaqlaq għal quddiem il-Marina Home minħabba li x-xogħolijiet f'din iż-żona tlestew. Intqal li hemm bżonn li jerġgħu jsiru l-bins.**

**1150** **41/1246 – Inqrat il-korrespondenza li ntbagħtet minn Reuben Sciberras fir-rigward ta' l-iskart li qed jinħareġ minn blokka partikolari fi Triq l-Universita'. Is-Sur Matthew Agius qal li l-problema ta' l-iskart ma tinħasx f'din it-triq biss. Intqal ukoll li Commercial Waste suppost mhux qed jinġabar mill-Kunsill u ġie mistoqsi jekk għandux Swill Room. Bħal ma ntqal aktar kmieni għandhom jiġu ċċekjati l-permessi ta' l-MTA għal dan l-istabiliment. Il-Viċi Sindku qal li anke fl-Imsida Circus qed isiru diversi lmenti fuq l-iskart. Intqal li jintbagħtu l-Wardens fid-diversi żoni li l-Kunsill qed jirċievi l-ilmenti.**

**1151** **Is-Sur Matthew Agius u s-Sur Charles Selvaggi semmew il-problema tal-waqfien tar-Residential Parking Scheme li qed tikkawża ħafna problemi lir-residenti u l-Kunsill qatt ma jieħu risposta. Intqal li għandha tintalab laqgħa mal-Kunsilli ta' Tax-Xbiex, Pieta, Gżira biex jintalab tnaqqis ta' l-infurzar fil-periferiji. Is-Sur Selvaggi qal li hemm bżonn li l-Kunsill juża l-mezzi tax-xandir biex iwassal l-ilmenti tar-residenti f'dan ir-rigward jekk ma jingħatawx risposta sa' l-aħħar tas-sena. Is-Sur Abela Wadge saqsa min jieħu ħsieb il-Local Wardens u ġie informat li hem Authorised Officer mir-Reġjun Ċentru. Is-Sur Matthew Agius semma l-problema li qed tiġi kkawżata mill-Universita' minħabba li l-istudenti jipparkjaw fl-Imsida imma l-Misidjani ma jistgħux jipparkjaw ġo l-Universita'.**

## 4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet

**1151** **Il-Pagamenti tal-Kunsill tressqu għall-approvazzjoni u ġew approvati.**

**1152** **Is-Segretarju talbet li tiċċekja fuq pagament nru 44 minħabba li ntqal li l-prezz jidher għoli għall-'jerrycan thinner'.**

**5** **Kumitat Amministrattiv Swatar**

**1153** **Is-Sur Mangion informa lill-Kunsill li l-ewwel fuljett tal-Kumitat tqassam lir-residenti u li ser issir l-ewwel laqgħa taż-żona għada fl-iskola tas-St Martin's fis-7pm. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu.**

**6** **Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru**

**1154** **Intqal li diversi laqgħat saru mal-Greenpak pero' din il-materja diġa ġiet diskussa.**

**7** **Berġa fiċ-Ċentru Ċiviku**

**1155** **Il-Viċi Sindku informal ill-Kunsill li s-Sindku ġiet avviċinata mid-Dipartiment tas-Saħħa biex il-Berġa tkun fil-bini taċ-Ċiviku tal-Kunsill. Intqal li ntalbu l-kamra ta' ħdejn il-librerija u l-Kamra tar-Reġjun. Il-Kunsill ma kellux oġġezzjonijiet li ssir il-Berġa imma ntqal li d-diskussjonijiet għadhom fil-bidu u li għad biss lanqas ġiet imsemmija x'kera ser titħallas.**

**1156** **Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien hemm ukoll skola tat-tagħlim ta' l-Ingliż li talbet li tagħmelu użu mis-sulari ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku u li jkopru l-ispejjeż ta' l-iffinixjar ta' dawn is-sulari biex jiftħu l-iskola ta' l-Ingliż. Anke kien hemm diskussjonijiet li dawn is-sulari ta' fuq jintużaw għall-Day Centre għal nies li għandhom problemi saħħa mentali.**

**1157** **Is-Sur Bartolo qal li importanti li fis-sulari ta' fuq il-Kunsill ikollu sala tal-Kommunita'.**

**8** **Proġett tat-TM fl-Imsida**

**1158** **Il-Viċi Sindku qal li qabel li dan il-proġett kellu jkun fuq l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill minħabba li dan il-proġett kellu impatt qawwi fuq il-lokalita'. Qal ukoll li din iż-żona kollha hija waħda arterjali u turi l-importanza ta' L-Imsida. Qal li hu, flimkien mal-Kunsill, kienu oġġezzjonaw għax-xogħolijiet u dan kollu huwa mminitjat. Is-Sur Abela Wadge qal li kullħadd jifhem li x-xogħolijiet iridu jsiru. Is-Sur Selvaggi qal li kien iddispjaċut li wara li hu stess talab li ssir laqgħa**

**ma' rappreżentant tat-TM ma kienx hemm din l-materja fuq l-aġenda oriġinali u ġie nformat li saru diversi laqgħat mat-TM.**

**1159 Il-Viċi Sindku qal li oriġinarjament l-Bus Lane kienet ser tgħaddi minn fejn il-Monument tal-Ħaddiem. Il-Kunsill kien oġġezzjona u din il-pjanta tbidlet. Wara li din intbagħtet lill-Kunsill saret laqgħa oħra mal-Perit Audrey Testaferrata Debono fejn aċċettat li jsir passaġġ mill-crossing il-ġdid għal ġol-ġnien tal-bandli u li anke ġiet diskussa l-flyover u sar ftehim li din tibqa miftuħa. Is-Sur Selvaggi talab kjarifika jekk din il-pjanta hix l-aktar riċenti għax qal li f'din il-pjanta l-flyover għadha tidher li ser tkun magħluqa. Is-Sur Matthew Agius qal li t-TM mhux qed jagħtu każ lill-Kunsill. Anke ntqal li għandhom diversi nuqqasijiet fix-xogħol tagħhom – mingħajr reflectors fuq il-bollards tal-concrete u tabelli ma sarux kif suppost.**

**1160 Intqal li l-Kunsill irid jibgħat messaġġ ċar li suppost kellu jkun informat iżjed fuq dan il-proġett. Il-Viċi Sindku qal li hem bżonn terġa tintalab laqgħa mat-TM. Is-Sur Selvaggi u s-Sur Matthew Agius qalu li hemm bżonn ninformaw lil Prim Ministru wkoll.**

**1161 Issemmew dawn in-nuqqasijiet / suġġerimenti:**
**- l-Bankina dejqa fi Triq ix-Xatt ta' L-Imsida m'għandiex tibqa hekk se tibqa hekk jew issirx skont il-liġi;**
**- li fid-dawra (ħdejn Sofra) ħdejn il-Mużew isiru strixxi sofor bħala calming measures;**
**- li l-Kunsill għandu jkollu bil-miktub li din mhux ser tingħalaq**
**- li ssir flyover crossing flok il-Pedestrian lights li huma ppjanati**
**- quddiem l-għassa għandhom jirtiraw il-bankina biex il-Bus tkun tista' tibqa għaddejja fil-Bus Lane**
**- li l-Buslane ta' quddiem il-Knisja mhix ser tkun wisgħa biżżejjed**
**- li ħdejn il-Pedestrian Crossing jogħla biex ikun hemm aċċess għal-ġnien.**

**1162 Is-Sur Selvaggi saqsa jekk qatt ġietx spjegata l-pjanta mill-Perit u intqal li kienet saret laqgħa mal-Perit u li l-Kunsill kien informat u li anke ntbagħtulhom il-minuti.**

**1163 Il-Viċi Sindku qal li l-Bus Lane mhix ser tkun affettwata mill-Pedestrian crossing Lights u li ma setgħux ma jsirux il-Bus Lanes minħabba li l-fondi ngħataw għal din ir-raġuni. Qal li l-Kunsill għandu d-dubji fuq kif it-traffiku ser jimxi wara li jitlesta dan il-proġett avolja l-Kunsill jixtieq li huma żbaljati.**

**1164 Is-Sur Selvaggi ssuġġerixxa li ssir tabella ta' No Heavy Vehicles ħdejn il-monument u saqsa jekk hux ser isir tarmac fiż-żona.**

**1165** **Is-Sur Bartolo qal li mportanti li jieħdu ħsieb li l-affarijiet li tneħħew b'mod temporanju jerġgħu jitpoġġew f'posthom.**

**1166** **Il-Viċl Sindku u s-Sur Matthew Agius ħarġu mill-laqgħa. (20:24)**

**9** **Affarijiet Oħra Jekk Urġenti**

**1167** **Is-Segretarju qalet li hem photocopier bil-ħsara u li l-ispiża li tissewwa hija wisq għolja. Il-Kunsill talab li din tintrema bħala skart goff.**

**1168** **Is-Segretarju qalet li kienet ħarġet kwotazzjoni għas-servizz tat-tindif ta' l-ewwel sular tal-Kunsill u li issa anke skada l-Kuntratt tat-tindif tat-tieni sular. Is-Segretarju talbet biex toħroġ tender li tkun tkopri ż-żewġ livelli.**

**1169** **Is-Sna Galea semmiet li saru xi xogħolijiet fuq kanna quddiem post bin-numru 135 fi Triq il-Kunċizzjoni u l-bankina ġiet qisha benniena.**

**1170** **Is-Sna Galea qalet li f'Misraħ il-Barrieri hemm garaxx li qed jaħsel bil-pitrolju. Qalet ukoll li hemm xi kanali f'Misraħ il-Barrieri li huma misdudin u li hemm bżonn Sleeping Police.**

**1171** **Il-Viċi Sindku u s-Sur Matthew Agius daħlu fil-laqgħa.**

**1172** **Is-Sna Galea qalet li hem tabella fis-Central Stip ta' Triq il-Wied ta' L-Imsida li nqalet u li hemm xi ħofor quddiem il-mużew biex jsir il-'patching tagħhom'.**

**1173** **Is-Sur Bartolo reġa fakkar fil-krejn li hemm fi Triq Censu Farrugia u s-Segretarju qalet li hi u s-Sur Brincat ser jagħmlu laqgħa magħhom biex jiddiskutu l-permess.**

**1174** **Is-Sur Bartolo qal li quddiem il-Junior College kien hem persuna li neħħew parti bil-ħamrija u li din ser terġa ssir.**

**1175** **Is-Sur Bartolo qal li f'Ottubru s-soltu l-Kunsill iħallas l-attivita' ta' l-Anzjani. L-Kunsill ta l-approvazzjoni għal-pagament ta' din l-attivita'.**

**1176** **Is-Sur Abela Wadge ilmenta fuq il-knis ta' Triq il-Ħriereb. Ġie informat li din ma tistax tiżdied fil-frekwenza minħabba l-kuntratt pero' l-kuntrattur ser tinġibidlu l-attenzjoni.**

**1177** **Is-Sur Selvaggi qal li jirċievi diversi lmenti fuq knis ħdejn l-Universita, b'mod speċjali ħdejn il-Pizza by Luca u li hu stess tkellem mal-Kuntrattur.**

**1178** **Is-Sur Selvaggi qal li għandha tintbagħat ittra lil propjetajiet kummerċjali minħabba l-iskart u anke biex iżommu l-akwata tagħhom nadifa.**

**1179** **Is-Sur Selvaggi qal li t-tabella tal-One Way fi Triq l-Imħallef Debono nqalgħet u qed joħorġu bil-kontra għal-iskate park.**

**1180** **Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill għandu jkompli jiċċekkja fuq Triq Achille Ferris. Intqal li kienu qed isiru xi xogħolijiet fi Triq MA Vasalli. Is-Sur Bartolo tkellem fuq ir-rapport tal-Periti tal-Kunsill u qal li l-periti qalu li jkun hemm periklu jekk ma jittieħdux il-prekazzjonijiet neċessarji. Il-Viċi Sindku qal li għandha ssir ittra uffiċċjali b-'deadline' stipulata biex isiru x-xogħolijiet.**

**1181** **Is-Sur Selvaggi qal li fi Triq is-Sarġ hem bżonn isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx fejn tagħlaq it-triq, minħabba li ma jkunx jista joħroġ mill-garaxx meta jipparkjaw il-karozzi u li hem bżonn ukoll bozza ħdejn il-flattijiet il-ġodda.**

**1182** **Is-Sur Selvaggi semma applikazzjoni fuq biex isir Class 4 Shop f'Misraħ il-Barrieri u oġġezzjona li minn garaxx isir ħanut minħabb li l-problema ta' parking tkun qed dejjem tiżdied.**

**1183** **Is-Sur Matthew Agius talab kjarifika fuq l-isem tat-Triq C De Brocktorff għax ġieli tkun miktuba T Brocktorff u s-Segretarju qalet li ser tiċċekja ma' l-iStreet Naming Committee.**

**10** **Aġġornament**

**1184 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-20:46.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai** **Marita Portelli**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**